MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1595/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Pius John Darmanin**

**vs**

**Michael Montfort**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm263.52) rapprezentanti danni kagunati f'incident stradali li sehh fl-1 ta' Ottubru 2002 fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun waqt

li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAM 248 dahal fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 585 propjeta' ta' Pius John Darmanin ghall-liema ncident kien unikament responsabbli Michael Montfort kawza ta' mpudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. It-talbiet attrici huma kontetati billi l-konvenut ma jahtix ghall-hsarat ikkaguntati stante li kien l-istess attur li kkawza l-incident.

2. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' PS 86 Antony Lia, ta' Pius Darmanin, Chris Darmanin, tal-konvenut Michael Montfort u ta' Raymond Mallia. Ha konjizzjoni tac-cirkostaniz kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Otubru 2002, f'St'Joseph High Road, Hamrun bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 585 misjuqa minn Pius Daramnin u assikurata taht polza tat-tip C'omprehensive' mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAM 248 misjuqa mill-konvenut.

Pius DArmanin xehed li huwa kien qed jipprocedi ghad-dritt fl-imsemmija triq gej mid-direzzjoni tal-Belt u sejjer fid-direzzjoni ta' Santa Venera. Meta wasal vicin l-inkrocju

ma' Triq Santu Wistin il-vettura ta' quddiemu bidlet id-direzzjoni, probabilment sabiex tidhol fl-imsemmija triq laterali. Malli din il-vettura telqet minn quddiemu huwa ra l-vettura tal-konvenut madwar tlett metri quddiemu bir-reverse lights mixghulin u qed tirriversja biex tidhol f'parking space li kien hemm man-naha tax-xellug, huwa mal-ewwel induna li din kienet ser tidhol fih u ghalhekk hares lura sabiex jara jistghax jirreversja u jevta l-habta izda ra li kien hemm coach qed jaqla' warajh u ghalhek ma seyghax jirriversja. Malli rega' dawwar wiccu l-quddem il-vettura misjuqa mill-konvenut dahlet fih.

l-konvenut min-naha l-ohra jghid li huwa kien qed jipprocedi f'St. Joseph High Road, Hamrun gej mid-direzzjoni tal-~Belt u sejjer fid-direzzjoni tal-Imriehel. Huwa kien qed jipprova jsib *parking space* u meta wasal fl-inkrocju ma' triq Santu Wistin ra post fuq in-naha tax-xellug tieghu, ra li ma kienux gejjin vetturi minn warajh, xeghel ir-reverse lights u beda diehel fil-parking space. Meta l-parti ta' wara tal-vettura tieghu kienet dahlet fil-parking space u kien ser jibda jidritta l-vetttura mill-parti ta' quddiem, hass daqqa u nduna li l-vettura tal-assikurat tas-socjeta' attrici kienet dahlet fih fil-genb tal-bumper ta' wara. Huwa jghid ukoll li ra l-vettura tal-assikurat tas-socjeta' attrici biss mal-impatt u li dak il-hin huwa kien mohhu fil-vettura li kien hemm parkeggjata immedjatament wara l-parking spce li ried jidhol fih.

Fil-fehma tatTribunal l-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenut ghaliex huwa kien qed jaghmel manuvra ta' reverse kontra l-flow of traffic minghajr ma zamm a proper lookout. Dan jirrizulta ampjament minn dak li xehed huwa stess meta qal li nduna bil-vettura tal-assikurat tal-attur biss mal-impatt. Pius Darmanin kien qed jipprocedi ghall-affari tieghu, kompletament ghad-dritt u fuq sajdu meta l-konvenut imblukkalu l-karreggjata bil-manuvra tar-reverse li kien qed jeffetwa. Huwa ovvju I l-konvenut ma zammx a proper lookout meta beda jeffetwa l-manuvra ta' reverse ,ma ndunax bil-vettura tal-assikurat tas-socjeta' attrici u ostakolalha l-passagg liberu.  Il-hsarat fiz-zewg vetturi nvoluti fl-incident ikomplu jikkoroboraw il-verzjoni tal-incident moghtija mill-assikurat tas-socjeta' attrici fis-

sens illi mix-xhieda tal-konvenut stess jirrizulta li l-hsarat fil-vettura tieghu kienu minimi u mid-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici jirrizulta li d-danni fil-vetturi tal-assikurat taghha wkoll kienu minimi. Dan jindika li Pius Darmanin ma kienx 'in motion' fil-mument tal-impatt u li ghalhekk ma kienx hu li dahal fil-vettura tal-konvenut imma kien dan tal-ahhar li habat fih waqt li kien qed jirreversja.

Illi l-quantum tad-danni reklamati mis-socjeta' attrici bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz gew esebiti l-ircevuti kollha relattivi ghad-danni, liema danni huma perfettament kompatibbli mad-dinamika ta' kif sehh l-incident de quo.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm263.52), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------